**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 65 / 2015

Il-Laqgha Nru 65/2015 tat-tieni Amministrazzjoni saret nhar il-Gimgha, 26 ta Ottubru 2015 fis-6pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Attard | V/President, Sindku Zejtun |
| Il-Profs Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Clive Pulis | V/Sindku Isla |
| Is-Sur Vincent Borg | Kunsillier Furjana |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Horace Gauci | Sindku Marsalokk |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. Joan Mangion | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Alison Zerafa | Sindku Bormla |
| Is-Sra Speranza Chircop | Sindku Kalkara |

**Assenti :**

Sindku Birgu
Sindku Zabbar
Sindku Fgura
Sindku Marsascala
Sindku Paola

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

1. **Ko-Ordinaturi Kulturali** — Koordinaturi kulturali

i.i Il-President talab li qabel ma jghaddu biex japprovaw il-minuti jintroduci lis-Sur Emanuel Vella – il-koordinatur il-gdid ghar-Regjun tal-Fondazzjoni V18. Din il-mozzjoni giet sekondata. Il-President spjega li il-Fondazzjoni V18 kienet qed tissekonda ma kull Regjun koordinatur bl-iskop li li josserva l-attivitajiet kulturali li jigi organizzati mill-kunsilli. Mar-Regjun kienu gew assenjati is-Sra Marcia Grima li kienet qed tiffoka b'mod partikolari fuq il-belt Valletta u is-Sur Emanuel Vella. Huwa kompla jzid li is-Sur Vella kien se jkun qed jiltaqgha ma kull kunsilli b'mod individwali u jiddiskuti maghhom il-programm kulturali taghhom. Il-Pjan hu li is-sena

id-diehla ir-Regjun ikollu wkoll direttur artistiku assenjat mieghu bl-iskop li jassisti lill-Kunsilli itellghu attivitajiet bl-aktar mod professjonali. Il-President spjega l-importanza ghall-pajjiz li ikollna kalendarju culturali ta' certu livell. Huwa zied li kien ghaddej b'laqghat biex igib fondi ghal-attivitajiet kulturali. L-iskop hu li il-kunsilli fir-Regjun jinghaqdu fi tlett gruppi skond il-prossimita u jigu organizzati attivitajiet bejn il-kunsilli ta' kull grupp.

i.ii Is-Sindku ta' Marsaxlokk, Is-Sur Horace Gauci, spjega li il-kunsill tieghu kien se jinawgura it-Tourist Information Hub u kien wkoll qed jippartecipa flimkien ma l-iskola tar-rahal fil-progett Warda Tar-Rih. Il-Kunsill huwa jkoll partecipi fil-Fireworks Festival.

i.iii Is-Sur Emanuel Vella qal li hu kien attenda ghal-attivita 'l-Ghanja tas-Sirena' organizzata mill-Kunsill ta' l-Isla. Huwa zied li din l-attivita kienet ta' livell gholi.

2. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Qari u approvazzjoni tal-Minuti

i.i Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.63 mizmuma fl-21 ta' Awwissu 2015 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

i.ii Il- Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3. **Komunikazzjoni mil-President**

i.i **Progetti bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja**

Progetti bil-fondi tal-Unjoni Ewropeja

i.ii Il-President ghamel riferenza ghas-sejha li kienet harget mill-AKL f'April dwar l-inizjattiva Shared Spaces in Urban Areas – Improving the Urban Environment - li kienet tnediet mill-Ufficju tal-Ombudsman. Huwa spjega li kien attenda seminar organizzat mis-segretarjat tal-Urbact flimkien mas-segratarjat tas-Segretarju Parlamentari tal-Gvern Lokali u il-MEUSAC. Ir-Regjun talab kjarifika dwar jekk ikunx jista japplika bhala lead partner u ghal dan l-iskop il-MEUSAC se jkun qed jikkorispondi mas-segretarjat tal-URBACT. Se jkun qed isir wkoll follow-up meeting mal-MUESAC u l-officju tal-Ombudsam fuq dan il-progett.

i.iii Waqt dan is-seminar gie spjegat li bhal issa il-lead partners kienu ghaddejjin bl-ghazla taghhom ghal partners ghal-progetti li kienu gew approvati mill-Urbact. Il-kompetizjoni hija iebsa hafna ghax jintefghu medja ta 70 applikazzjoni ghal 7 partnerships. Il-President qal li ir-Regjun kien tefa applikazzjoni ghal-lead partner li ma giex approvata mill-URBACT minhabba li ir-Regjun ma giex ikkonsidrat bhla elegibli minhabba li is-sejha kienet miftuha ghal-bliet u mhux regjuni u zewgt applikazzjoniiet ghal-partner fil-progetti u qeghdin nistennew risposta fuq dawn. Sejha ohra ghal-applikazzjoni se ssir fit-2018.

ii.i **Haddiema taht l-iskema tal-RSSL**

Haddiema taht l-iskema tal-RSSL

ii.ii Il-President spjega li kienet se tkun organizzata laqgha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal-ALK, il-Presidenti tar-Regjuni u ic-Chairman tal-RSSL. Filwaqt li il-kunsilli se jibqaghlom maghhom l-impjegati kurrenti

kull Regjun se jkun assenjat supervisor u numru ta' haddiema mieghu; izjed il-quddiem hu mahsub li fuq dan it-team ikun hemm wkoll nies teknici u li il-haddiema fuq l-iskemi tal-ETC jigi trasferiti mal-RSSL u mibghuta jahdmu mar-Regjuni. Il-Vici President, is-Sur Attard saqsa dwar l-ghodda u vetturi necessarji biex isir ix-xogholijiet. Il-President wiegeb li ir-Regjun kien se jipprovdi it-transport u xi l-ghodda necessarji.

4 **Riforma tal-LESA** — Riforma tal-LESA

i.i Il-President spjega li se tkun qed issir laqgha mill-amministrazzjoni tal-LESA ghal Presidenti tar-Regjuni kif wkoll mal-kunsilli. Huwa zied li il-qsim tal-fondi li jibqghu mill-hlasijiet tac-citazzjonijiet wara li jinqatghu l-ispezzez kollha, kien se jkun qed jigi diskuss mal-AKL. Huwa kompla li sa l-ahhar ta' Dicembru ir-Regjuni se jkunu qed jassorbu l-ispejjez kollha tar-Regjuni apparti il-pagi tal-impjegati tat-tribunal li se jkunu qed jigu rifuzi mil-LESA. Mill-ewwel ta' Jannar l-ispejjez kollha tar-Regjuni se jkun qed jigu imhallsa mir-Regjuni u imbaghad ssir talba ghar-rifuzjoni lill-LESA. Ghal aktar kjarezza qed tigi annessa Memo mid-dipartiment dwar il-finanzjament tar-Regjuni.

Il-Vici President saqsa fuq min se jkun qed ihallas il-kirja u d-dawl tat-Tribunal. Il-President wiegeb li il-kontijiet ghandhom jinbaghtu kollha lir-Regjun.

5. **Iskeda tal-Pagamenti** — Skeda ta' Pagamenti

i.i L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata u giet iffirmata wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

6 **Rizoluzjoni ghal-gheluq ta' kontijiet mal-HSBC** — Gheleq tal-kontijiet

i.i Giet approvata rizoluzzjoni li is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sra Joan Mangion, tkun awtorizzata li taghmel l-arrangamenti u transazzjonijiet kollha necessarji biex jinghalqu il-kontijiet kollha li ir-Regjun Xlokk ghandu mal-HSBC inkluz li tbiddel il-l-isem tal-persuna amministrattiva awtorizzata li tifirma f'isem ir-Regjun mis-Sra Lautier ghal isimha, u biex tkun rikonoxxuta mill-bank bhal wahda mill-firmatarji fuq il-kontijiet kollha mizmuma mal-HSBC.

7. **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** — Aggornament

i.i Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Joan Mangion**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati illum ______________________________

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

30 ta' Settembru 2015

Lill-Presidenti
Kumitati Reġjonali

Peress illi mill-1 ta' Ottubru 2015, l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali ser tibda twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet li jirrigwardaw l-infurzar lokali, qed ngħaddilek tagħrif dwar l-Avviżi Legali li ħarġu lbieraħ u informazzjoni oħra ta' kif se nkunu qegħdin nipproċedu mill-1 ta' Ottubru 'l quddiem.

Dawn huma l-Avviżi Legali li ġew ippubblikati lbieraħ, 29 ta' Settembru 2015:

310 tal-2015: Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali;

311 tal-2015: Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali (A.L. 153 tal-2015) - Avviż ta' Bidu fis-seħħ; u

312 tal-2015: Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kumitati Reġjonali.

Importanti li wieħed jinnota li mill-1 ta' Ottubru 2015:

1) Kull ħlas dovut lill-Kumitat dwar il-perjodu li jiġi qabel it-30 ta' Settembru 2015 mill-infurzar ta' liġijiet li kienu qabel it-30 ta' Settembru 2015 delegati lill-Kumitati kif ukoll il-provdiment ta' servizz ta' gwardjani lokali għal-lokalitajiet kollha li tagħhom il-Kumitat kien responsabbli qabel it-30 ta' Settembru 2015 inkluż dawk il-funzjonijiet kollha neċessarji sabiex issir il-prosekuzzjoni minħabba fl-istess infurzar għandhom jibqgħu fir-responsabbiltà tal-Kumitat.

2) Peress li sal-aħħar ta' Diċembru 2015, it-Tribunali Lokali se jibqgħu jittrattaw taħrikiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Kumitati Reġjonali, l-ispejjeż kollha tal-amministrazzjoni, kemm dawk tar-Reġjun kif ukoll dawk tat-Tribunal Lokali, għandhom jibqgħu jitħallsu mill-Kumitati Reġjonali.

3) Il-pagi tat-Tribunal Lokali għandhom jitħallsu mill-Kumitat Reġjonali u wara għandha tintbagħat *invoice* bil-kopja tal-*payslips* lill-Aġenzija sabiex issir rifużjoni tal-ħlasijiet li jkunu saru.

4) Mill-1 ta' Jannar 2016, l-ispejjeż kollha relatati mal-amministrazzjoni tar-Reġjun kif ukoll dawk tat-Tribunal Lokali se jkunu qegħdin jitħallsu mill-Aġenzija lir-Reġjun.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, IL-BELT VALLETTA VLT 1443
t + 356 2200 2300 e info.dlg@gov.mt | www.dlg.gov.mt

5) Mill-1 ta' Jannar 2016, se jibdew jitħallsu il-*Commissions* lill-Kunsilli Lokali għal dawk il-ħlasijiet li jkunu dovuti lill-Aġenzija u li jkunu saru fil-Kunsilli Lokali rispettivi mill-1 ta' Ottubru 2015 'il quddiem.

6) Mill-1 ta' Jannar 2016, se jibdew jitħallsu il-*Commissions* lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għal dawk il-ħlasijiet dovuti lill-Aġenzija u li jkunu saru *online* fuq il-kont delegat lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali mill-1 ta' Ottubru 2015 'il quddiem.

7) It-tqassim tas-*Surplus* se jkun qiegħed jiġi diskuss mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u jiġi ikkomunikat iktar tard din is-sena.

Filwaqt li nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzjakom tal-appoġġ,

Inselli għalikom.

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali